Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali

**Brussell, 25 ta' Ottubru 2024**

**CM 4658/1/24**
**REV 1**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2024/0262(NLE)**

**TRANS**
**PROCED**

## KOMUNIKAZZJONI

**PROĊEDURA BIL-MIKTUB**


| | |
|---|---|
| Kuntatt: | isabelle.besson@consilium.europa.eu |
| Tel./Fax: | +32 2 281 8212 |


| | |
|---|---|
| Suġġett: | **Proċedura bil-miktub bi tweġiba sas-13:00 CET (ħin ta' Brussell) tal-25** ta' Ottubru 2024**, li għandha tintbagħat bil-posta elettronika lil avia-mar@consilium.europa.eu**<br>DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-233 sessjoni tal-Kunsill tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) fir-rigward tal-emendi proposti tal-Kapitolu 2 ("Dħul u tluq tal-inġenji tal-ajru"), tal-Kapitolu 3 ("Dħul u tluq tal-persuni u tal-bagalji tagħhom"), tal-Kapitolu 6 ("Ajruporti internazzjonali – Faċilitajiet u servizzi għat-traffiku") u tal-Kapitolu 8 ("Dispożizzjonijiet ta' faċilitazzjoni li jkopru suġġetti speċifiċi"), il-Paragrafu C ("Faċilitazzjoni tat-tiftix, tas-salvataġġ u tal-investigazzjoni ta' aċċidenti"), il-Paragrafu E ("Ħolqien ta' programmi nazzjonali ta' faċilitazzjoni"), il-Paragrafu F ("Faċilitazzjoni tat-trasport tal-persuni b'diżabbiltà") u l-Paragrafu G ("Assistenza lill-vittmi ta' aċċidenti tal-inġenji tal-ajru u lill-familji tagħhom"), li jinsabu fl-Emenda 30 tal-Anness 9 – Faċilitazzjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ("il-Konvenzjoni ta' Chicago")<br>– Adozzjoni<br>– Bidu tal-proċedura bil-miktub |

Wara d-deċiżjoni li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) ħa fit-23 ta' Ottubru 2024, li tintuża l-proċedura bil-miktub, il-Presidenza tistieden lid-**delegazzjonijiet kollha** biex **jiddikjaraw espressament** jekk jaqblux mal-adozzjoni tad-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-233 sessjoni tal-Kunsill tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali fir-rigward tal-emendi proposti tal-Kapitolu 2 ("Dħul u tluq tal-

inġenji tal-ajru"), tal-Kapitolu 3 ("Dħul u tluq tal-persuni u tal-bagalji tagħhom"), tal-Kapitolu 6 ("Ajruporti internazzjonali – Faċilitajiet u servizzi għat-traffiku") u tal-Kapitolu 8 ("Dispożizzjonijiet ta' faċilitazzjoni li jkopru suġġetti speċifiċi"), il-Paragrafu C ("Faċilitazzjoni tat-tiftix, tas-salvataġġ u tal-investigazzjoni ta' aċċidenti"), il-Paragrafu E ("Ħolqien ta' programmi nazzjonali ta' faċilitazzjoni"), il-Paragrafu F ("Faċilitazzjoni tat-trasport tal-persuni b'diżabbiltà") u l-Paragrafu G ("Assistenza lill-vittmi ta' aċċidenti tal-inġenji tal-ajru u lill-familji tagħhom"), li jinsabu fl-Emenda 30 tal-Anness 9 – Faċilitazzjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, kif tinsab, wara l-finalizzazzjoni tat-test mill-ġuristi lingwisti, fid-dokument ST 14369/24.

**Jekk jogħġobkom wieġbu IVA, LE jew ASTENSJONI.**

Kwalunkwe dikjarazzjoni unilaterali għandha ssir fl-istess ħin tat-tweġiba għall-mistoqsija, għajr dawk li diġà saru fil-Coreper.

Id-deċiżjoni tal-Kunsill, jekk tiġi adottata, ser tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali u l-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat dwarha f'konformità mal-Artikolu 218 (10) TFUE.

It-tweġibiet iridu jaslu għand is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill **sas-13:00** CET (ħin ta' Brussell) tal-**25 ta' Ottubru 2024** u għandhom jintbagħtu bil-posta elettronika lil **avia-mar@consilium.europa.eu**